MALTA

# QORTI KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH GALEA DEBONO

Seduta tat-13 ta' Lulju, 2006

Numru 16/2005

Ir-Repubblika ta Malta
Vs
Saviour Azzopardi
Publius Micallef
Raymond Bonello
Sandro Psaila
Jason Manuel Briffa
Joseph Grech

**Il-Qorti,**

**Rat l-Att tal-Akkuza numru 16 tas-sena 2005, kontra l-akkuzati Saviour Azzopardi, Publius Micallef, Raymond Bonello, Sandro Psaila, Jason Manuel Briffa u Joseph Grech, li bih huma qed jigu akkuzati talli:**

**1) Wara li l-Avukat Generali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, ppremetta fl-Ewwel Kap illi ghall-habta ta' Gunju tas-sena elfejn u wiehed, il-Pulizija Maltija kisbet taghrif li certu Joseph Grech kien qieghed**

**imexxi l-medicina perikoluza kokajina. Minn indagni estensivi li l-Pulizija ghamlet fuq firxa ta' gimghat shah, gie stabilit li Joseph Grech kien miftiehem ma' persuni ohrajn, fosthom Jason Briffa u Raymond Bonello, li allura kien jahdem bhala suldat fil-Forzi Armati ta' Malta, sabiex idahhal kwantita' kbira ta' kokajina f'Malta. Tnejn min-nies ohra, Sandro Psaila w Saviour Azzopardi, ukoll allura impjegati bhala suldati fil-Forzi Armati ta' Malta, maz-zmien dahlu jaghmlu parti minn dan il-ftehim.**

**Fil-bidu tat-twelid ta' dan il-ftehim, kien hemm involut ukoll Publius Micallef li kienet il-persuna li laqqghet flimkien ghal dan l-iskop lil Joseph Grech u Jason Briffa. L-ewwel attentat sabiex titi mportata f'Malta d-droga kien ghall-habta tal-bidu ta' Gunju tas-sena 2001, pero' l-attentat ma giex realizzat ghal bosta raguni.**

**Sussegwentement, gie miftiehem bejniethom attentat iehor. Kien Joseph Grech li ghadda l-flus lil Raymond Bonello sabiex dana jiehu hsieb idahhal id-droga f'Malta minn Sqallija. Fil-fatt, darba minnhom, hdejn il-gunpost Bar, il-Belt, Saviour Azzopardi kien ghadda erbghatax-il elf Lira Maltin, finanzjati minn Angelo Zahra ghall-istess skop u bl-istess ftehim, lil Raymond Bonello ghax-xiri ta' madwar tlett kilo kokajina. F'okkazzjoni ohra, Sandro Psaila u Saviour Azzopardi kienu ltaqghu z-Zurrieq, u, sussegwentement, it-tnejn li huma, flimkien mal-ohrajn, nhar it-tlettax ta' Lulju, 2001, marru l-Migra Ferha minn fejn kellhom inizzlu d-droga wara li tinxtara w tingieb minn barra. Kien Sandro Psiala li ha hsieb jikkuntattja lil certu John Bugeja sabiex jaghmel il-vjagg ghal Sqallija w lura bil-power boat tieghu. Aktar dettalji miftehema bejniethom kienu fis-sens li f'nofs ta' bahar bejn Malta u Sqallija, Bonello, Psaila w Azzopardi kellhom jaghtu l-flus lit-Taljani w dawna jaghtuhom it-tlett kilos kokajina. Ilkoll kemm huma ftehemu li dan kollu kellu jsehh nhar it-Tnejn, sittax ta' Lulju tal-imsemmija sena 2001.**

**Dakinhar, Sandro Psaila, Raymond Bonello u Saviour Azzopardi ltaqghu Ghajn tuffieha. Jason Briffa kien hemm ukoll bil-van tax-xoghol Seat Terra u bi flus kontanti f'ammont ta' tnejn u tletin elf lira Maltin. Dawn ghaddiehom lil Raymond Bonello. Joseph Grech kien ukoll fil-vicinanzi, precizament f'Hal Ferh, jistenna struzzjonijiet minn ghand is-socji tieghu. Pero', ad insaputa ta' kull wiehed minnhom, il-Pulizija Maltija kienet ilha tissorvelja l-agir u l-movimenti taghhom, tintercetta konversazzjonijiet telefonici u tigbed videos. Kien ghalhekk li l-istess Pulizija rnexxielha tisfratta din l-assocjazzjoni b'mod li ma tigix realizzata w thalli l-frott taghha, u anke peress li l-Pulizija saret taf bi pjan imminenti li jinqatel Raymond Bonello.**

**Illi b'ghemilhom, l-imsemmija Saviour Azzopardi, Publius Micallef, Raymond Bonello, Jason Manuel Briffa, Sandro Psaila u Joseph Grech saru hatja talli assocjaw ruhhom ma' persuni ohra f'Malta w ma' persuni ohra barra minn Malta sabiex jimpurtaw, ibieghu jew jitraffikaw medicina w droga ohra f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, jew ippromwovew, ikkostitwixxew, organizzaw jew iffinanzjaw din l-assocjazzjoni.**

**Ghaldaqstant, l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi akkuza lill-imsemmija Saviour Azzopardi, Publius Micallef, Raymond Bonello, Jason Manuel Briffa, Sandro Psaila u Joseph Grech hatja talli assocjaw ruhhom ma' persuni ohra f'Malta w ma' persuni ohra barra minn Malta sabiex jimportaw, ibieghu jew jitraffikaw medicina w droga ohra f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, jew ippromwovew, ikkostitwixxew, organizzaw jew iffinanzjaw din l-assocjazzjoni; b'dan, li fir-rigward ta' Raymond Bonello, Saviour Azzopardi u Sandro Psaila, bhala ufficjali jew impjegati pubblici, saru hatja ta' reat li huma kellhom jissorveljaw biex ma jsirx jew li minhabba l-kariga taghhom huma kellhom id-dmir li jimpedixxu.**

**U peress li b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tad-19 ta' Lujku, 1994, Publius Micallef kien instab hati ta' pussess tad-droga kokajina, l-Avukat Generali qieghed jaddebitah ukoll bir-recidiva.**

**Jitlob sabiex jitmexxa kontra l-akkuzati skond il-ligi, w illi kull wiehed minnhom jigi kkundannat ghal piena ta' prigunerija ghal ghomru w multa ta' mhux inqas minn elf lira Maltija (LM1000) izda mhux izjed minn hamsin elf lira Maltija (LM50,000) u l-konfiska favur il-Gvern tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew propjeta' mobbli w immobbli ohra tal-persuna hekk misjuba hatja, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 9, 10(1), 12, 14(1)(5), 15A, 20, 22(1)(a)(f)(1A)(1B)(2)(a)(i)(3A)(c)(d), 22(f) u 26 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) u fl-artikoli 20, 22, 30, 31, 49, 50, 23, 141 u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghall kull piena ohra li skond il-ligi tista' tinghata skond kif jigu ddikjarati hatja l-akkuzati.**

**2) wara li l-Avukat Generali f'isem ir-Repubblika ta' Malta ppremetta fit-Tieni Kap illi ghalkemm Publius Micallef, sas-sena 2001, kien ilu madwar ghaxar snin li waqaf milli jabbuza mid-droga, b'dana kollu, fil-perjodu ta' bejn is-sena elf disa' mija tmienja w disghin (1998) u Lulju tas-sena elfejn u wiehed (2001), huwa gieli ghadda minn idu ghal id Raymond Bonello l-medicini perikoluza kokajina li kien jixtri bil-hamsa w tletin Lira Maltin. Ukoll, Publius Micallef gieli waqa ghat-tentazzjoni w spicca sabiex ha xi zewg linji minnha.**

**Fl-istess perjodu hawn fuq imsemmi, irrizulta wkoll li Saviour Azzopardi kien bejgh l-istess tip ta' droga, kokajina lil Sandro Psaila f'ammont ta' tlett grammi u ghall-prezz ta' mija w ghoxrin Lira Maltin, u f'ammonti izghar lil xi persuni ohra.**

**Is-sustanza kokajina hija kkontrollata bil-ligi taht l-Ewwel Skeda Taqsima I tal-Ordinanza Dwar il-Medicini**

**Perikoluzi, Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, w ebda wiehed minn Publius Micallef u Saviour Azzopardi ma kellu ebda awtorizzazzjoni w permess bl-imsemmija ligi sabiex ikun fil-pussess tal-imsemmija sustanza.**

**Illi b'eghmilhom l-imsemmija Publius Micallef u Saviour Azzopardi saru hatja talli fornew jew ipprokuraw jew offrew li jfornu jew li jipprokuraw d-droga kokajina, specifikata fir-Raba Taqsima tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) lil persuna jew ghal xi persuna minghajr ma kellhom licenzja mill-President ta' Malta w minghajr ma kienu awtorizzati bir-Regoli tal-1939 ghall-kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi jew minn xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li jfornu d-droga msemmija w minghajr ma kienu fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Ordinanza msemmija w minghajr ma kellhom licenzja jew xort'ohra awtorizzati li jimmanifatturaw jew li jfornu d-droga msemmija w minghajr ma kellhom licenzja li jipprokuraw l-istess droga; b'dan, li fir-rigward ta' Saviour Azzopardi, bhala ufficjal jew impjegat pubbliku, sar hati ta' reat li huwa kellu jissorvelja biex ma jsirx jew li minhabba l-kariga tieghu huwa kellu d-dmir li jimpedixxi.**

**Ghaldaqstant, l-Avukat Generali, fl-isem fuq imsemmi, akkuza lill-imsemmija hatja talli fornew jew ipprokuraw jew offrew li jfornu jew li jipprokuraw d-droga kokajina specifikata fir-Raba Taqsima tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikolui (Kap. 101) lil persuna jew ghal xi persuna minghajr ma kellhom licenzja mill-President ta' Malta w minghajr ma kienu awtorizzati bir-Regoli tal-1939 ghall-kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi jew minn xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li jfornu d-dorga msemmija w minghajr ma kienu fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Ordinanza**

**msemmija w minghajr ma kellhom licenzja jew xort'ohra awtorizzati li jimmanifatturaw jew li jfornu d-droga msemmija w minghajr ma kellhom licenzja li jipprokuraw l-istess droga; b'dan li fir-rigward ta' Saviour Azzopardi, bhala ufficjal jew impjegat pubbliku, sar hati ta' reat li huwa kellu jissorvelja biex ma jsirx jew li minhabba l-kariga tieghu huwa kellu d-dmir li jimpedixxi.**

**Talab sabiex jitmexxa kontra l-akkuzati skond il-ligi, u illi kull wiehed minnhom jigi kkundannat ghal piena ta' prigunerija ghal ghomru u multa ta' mhux inqas minn elf lira Maltija (LM1000) izda mhux izjed minn hamsin elf lira Maltija (LM50,000) u l-konfiska favur il-Gvern tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew propjeta' mobbli u mmobbli ohra tal-persuna hekk misjuba hatja, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 9, 10(1), 20, 22(1)(a)(f)(1B)(2)(a)(i)(3A)(c)(d), 22 u 26 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) u fl-artikoli 20, 22, 30, 31, 17(b), 23, 141 u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li skond il-ligi tista' tinghata skond kif jigu ddikjarati hatja l-akkuzati.**

**3) wara li l-Avukat Generali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, ppremetta fit-Tielet Kap illi fil-perjodu ta' bejn is-sena elf disa mija tmienja w disghin u l-ahhar ta' Lulju tas-sena 2001, f'diversi okkazjonijiet kemm Raymond Bonello kif ukoll Sandro Psaila kienu fil-pussess xjenti tal-medicina perikoluza kokajina, akkwistati w mixtrija minghand Publius Micallef u Saviour Azzopardi rispettivament. Mhux biss, imma anke l-istress Saviour Azzopardi, minbarra li kien ikun fil-pussess u jabbuza mid-droga kokajina kien ukoll ikun fil-pussess u jabbuza mir-raza mehuda mill-pjanta cannabis.**

**Is-sustanza kokajina w ir-raza mehuda mill-pjanta cannabis huma kkontrollata bil-ligi taht l-Ewwel Skeda Taqsima I tal-ordinanza Dwar il-Medicini perikoluzi, Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, u ebda wiehed minn Publius Micallef, Raymond Bonello u Sandro Psaila**

**ma kellu ebda awtorizzazzjoni u permess bl-imsemmija ligi sabiex ikun fil-pussess tal-imsemmija sustanza.**

**Illi b’hekk l-imsemmija Publius Micallef, Raymond Bonello u Sandro Psaila rrendew ruhhom hatja tad-delitt ta’ pussess xjenti ta’ medicina perikoluza bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta.**

**Ghaldaqstant, l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi akkuza lil kull wiehed mill-imsemmija Publius Micallef, Raymond Bonello u Sandro Psaila hati ta’ pussess tal-medicina perikoluza kokajina w raza mehuda mill-pjanta cannabis rispettivament, bi ksur tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, w meta hadd minnhom ma kellu ebda awtorizzazzjoni u permess bl-imsemmija ligi sabiex ikun fil-pussess tal-imsemmija sustanza; b’dan, li fir-rigward ta’ kull wiehed minn Sandro Psaila w Raymond Bonello, bhala ufficjal jew impar snin u multa ta’ mhux inqas minn mitejn lira Maltija (LM200) izda mhux izjed minn ghaxar telef lira Maltija (LM10,000), skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 9, 10(1), 20, 22(1)(a)(f)(1A)(1B)(2)(a)(ii)(3A)(c)(d), u 26 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) u fl-artikoli 17(b), 23, 31, 49, 50, 141, 22 u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista’ skond il-ligi tinghata ghall-htija tal-imsemmija akkuzati.**

**4) wara li l-Avukat Generali f’isem ir-Repubblika ta’ Malta ppremetta fir-Raba’ u l-ahhar Kap illi fil-perjodu ta’ bejn il-bidu ta’ Mejju u l-ahhar ta’ Lulju tas-sena 2001, irrizulta li Saviour Azzopardi kien ikun ukoll f’diversi okkazjonijiet fil-pussess xjenti tad-droga ecstasy sabiex jabbuza minnha w juzaha esklusivament ghalih innifsu.**

**L-imsemmija pilloli ecstasy, li fihom is-sustanza Methylenedioxymethamphetamine, li hija designer drug maghrufa bhala MDMA, huma kkontrollati w ristretti bil-ligi taht it-Tielet Skeda, Parti A, tal-**

**ordinanza Dwar il-Professjoni medika w l-Professjonijiet li ghanhom x'jaqsmu maghha, Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta' Malta, u l-imsemmi Saviour Azzopardi ma kellu ebda permess u awtorizzazzjoni skond l-imsemmija ligi sabiex ikollu fil-pussess tieghu l-imsemmija pilloli u sustanza.**

**Illi b'eghmilu l-imsemmi Saviour Azzopardi sar hati talli xjentement kellu fil-pussess tieghu l-medicina perikoluza psikotropika ecstasy kontenenti s-sustanza Methylenedioxymethamphetamine, (li hija designer drug maghrufa bhala MDMA) li huma kkontrollati w ristretti bil-ligi taht it-Tielet Skeda, Parti A, tal-ordinanza Dwar il-Professjoni Medika w l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha, Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta' Malta bi ksur tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kellu ebda awtorizzazzjoni u permess bl-imsemmija ligi sabiex ikun fil-pussess tal-imsemmija sustanza; b'dan, li bhala ufficjal jew impjegat pubbliku, sar hati ta' reat li huwa kellu jissorvelja biex ma jsirx jew li minhabba l-kariga tieghu huwa kellu d-dmir li jimpedixxi.**

**Ghaldaqstant, l-Avukat Generali, fl-isem fuq imsemmi, akkuza lill-imsemmi Saviour Azzopardi hati ta' pussess tad-droga psikotropika ecstasy kontenenti s-sustanza Methylenedioxymethamphetamine, li huma kkontrollati u ristretti bil-ligi taht it-Tielet Skeda, Parti A, tal-Ordinanza Dwar il-Professjoni Medika w l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha, Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kellu ebda awtorizzazzjoni u permess bl-imsemmija ligi sabiex ikun fil-pussess tal-imsemmija sustanza; b'dan li bhala ufficjal jew impjegat pubbliku, sar hati ta' reat li huwa kellu jissorvelja biex ma jsirx jew li minhabba l-kariga tieghu huwa kellu d-dmir li jimpedixxi.**

**Talab illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u illi jigi kkundannat ghal piena ta' prigunerija ghal zmien ta' mhux inqas minn tnax-il xahar izda mhux izjed minn ghaxar snin u multa ta' mhux inqas**

**minn mitejn lira Maltija (LM200) izda mhux izjed minn ghaxart elef lira Maltija (LM10,000), skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 120A(1)(f)(2)(a)(ii), tal-Ordinanza Dwar il-Professjoni Medika w l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha, Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta' Malta, u fl-Avvizi Legali 22/85, 70/88 u 183/99, kif ukoll fl-artikoli 22A, 22B, 22E, 27 u 30 tal-ordinanza dwar il-Medicini perikoluzi (Kap. 101) u fl-artikoli 23, 17(b), 20, 31, 141, 22 u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghall kull piena ohra li titsta' skond il-ligi tinghata ghall-htija tal-imsemmi akkuzat.**

**Rat l-atti kollha tal-kumpilazzjoni limitatament ghall-fini tad-decizjoni tal-eccezzjonijiet preliminari;**

**Rat in-noti tal-eccezzjonijiet separati izda identici (kif korretti b' digriet tat-3 t' April, 2006) ntavolati mill-akkuzati** Sandro Psaila u Raymond Bonello **fl-10 ta' Jannar, 2006, fejn eccepew :-**

**1. Illi l-Attijiet tal-Istruzzjoni kontra l-akkuzat fl-interita' taghhom huma nulli w inammissibbli skond il-Ligi peress illi dawn manifestament jonqsu milli jissodisfaw id-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 395 u 396 tal-Kap.9, billi la l-ezami tal-akkuzat u lanqas id-depozizzjonijiet tax-xhieda w l-esebiti ma gew iffirmati/ kontro-ffirmati mill-Magistrat li kkonduca l-Istruttorja, liema nuqqas konsegwenzjalment jirrendi l-Atti tal-Kumpilazzjoni mhux konformi mal-precett tal-Ligi [Ara *Ir-Repubblika ta' Malta vs Ann Elizabeth sive Anabel Ebejer* - Qorti tal-Appell Kriminali [Sede Superjuri] – deciza 28.2.1985 u *Ir-Reppublika ta' Malta vs.Simon Xuereb* – Qorti tal-Appell Kriminali [Sede Superjuri] – deciza 22.4.2004].**
**2. Illi ghall-istess ragunijiet eccepiti fl-ewwel eccezjoni, l-Att ta' Akkuza odjern huwa null fit-termini tal-Artikolu 597(4).**
**3. Illi minghajr pregudizzju ghall-generalita' tat-tieni u t-tielet eccezzjoni, t-traskrizzjoniet esebiti minn Herbert Agius fis-seduta tal-20 ta' Marzu, 2002, huma inammissibbli peress li l-awtur taghhom huwa ghal kollox injot u per tant tali dokument huwa prova li**

**fuqha d-difiza ma' ghandha ebda forma kontroll, (Sic!) kif ukoll ghaliex l-istess dokument jikkostitwixxi *"documentary hearsay".***
**4. Illi l-istqarrijiet tal-ko-akkuzati l-ohra kollha huma inammissibbli bhala prova fil-konfront tal-akkuzat u dan ghal finijiet kemm ta' l-ewwel kif ukoll tat-tielet kap tal-Att ta' l-Akkuza.**

**Rat in-Nota tal-eccezzjonijiet tal-akkuzat** Publius Micallef **tas-16 ta' Jannar, 2006 li biha eccepixxa illi :-**

**1. Illi ebda prova ma tista tingieb kontra l-esponenti, liema prova tkun derivanti minn verzjoni moghtija minn xi ko-akkuzat iehor. Illi dan ireggi kemm fl-istqarrija ta' kull ko-akkuzat mehuda waqt l-investigazzjoni (inkluzi dawk guramentati) kif ukoll jekk xi hadd mill-ko-akkuzati 'l quddiem jiddeciedi li jaghti d-depozizzjoni tieghu waqt il-guri. Illi minnhabba dan ghandhom jitnehhew mill-process kull bran li jaghmel riferenza ghal-isem ta' Publius Micallef jew il-laqam *"Powey*", *"Powie"* jew *"Poweye"* jew il-kliem *"dak li kien jilghab mal-Furjana"* u dana senjatament meta dawn ir-riferenzi jkunu saru kif inghad mill-ko-akkuzati l-ohra fil-konfront tal-esponent.**
**2. Illi ghandu qabel ma jibda l-guri jigi verifikat il-korrettezza o meno tal-mod kif saru r-*recordings* u *"tapping"* tat-telefonati mill-Pulizija jew membri tas-Servizz Sigriet u dana peress li jidher li hemm *recordings* li ma sarux bl-awtorizzazzjoni kif mehtiega skond il-ligi. Illi kaz minnhom izda mhux biss, hija telefonata li ghaliha ssir riferenza fl-istqarrija tal-esponenti mehuda fid-19 ta' Lulju, 2001. Illi kemm il-darba ser jirrizulta li saru *recordings* ta' telefonati b' mod illegali, dawna ghandhom jigu sfilzati mill-process u ebda xhud ma jkun jista' jithalla jaghmel riferenza ghalihom. Illi kwantu ghal bran tat-telefonata imsemmi fl-istqarrija mnejn jibda bil-kliem "Mistoqsija maghmula minn Norbert Ciappara – *Illum il-Pulizija semmetlek ir-recording tal-konversazzjoni li inti kellek ma certu Raymond Bonello…* sal-kliem f'**

**pagna tlieta tal-istess stqarrija …** ***minn l-ahhar laqa' li kelli ma' Raymond u Jason jiena ma kontx infurmat aktar x' gara sakemm gabruni l-Pulizija."***
**3. Illi l-esponenti jirrileva li dan il-kaz assolutamnent m' ghandux x' jaqsam ma' xi assocjazzjoni biex tigi mpurtata d-droga f' Malta. Illi mill-provi migbura waqt il-kumpilazzjoini quddiem l-Ewwel Qorti jidher b' mod lampanti li hawn il-kwistjoni kollha si trattava ta' grupp ta' nies minn fost l-akkuzati li riedu jiffrodaw lill-grupp iehor ta' ko-akkuzati, somma flus bil-premessa li suppost kellha tigi impurtata d-droga. Illi di fatti l-element materjali ta' sejbien ta' droga qatt ma sehh u qatt ma seta' jimmaterjalizza stante li ebda wiehed mill-gruppi fil-fatt ma kellu hsieb li verament tingieb droga go Malta.**
**4. Illi kwantu ghat-tielet kap tal-Att ta' l-Akkuza kontra l-esponenti w cioe' dik li ghandha x' taqsam mar-recidiva, b' riferenza ghal sentenza moghtija fid-19 ta' Lulju, 1994, jinghid li peress li issa ghadda z-zmien stabilit mill-ligi, l-kwistjoni tar-recidiva llum skadiet.**

**Rat in-Nota tal-eccezzjonijiet tal-akkuzat** Saviour Azzopardi **tas-17 ta' Jannar, 2006, li biha eccepixxa:-**

**1. in-nullita'  tal-ewwel, it-tieni w r-raba Kap tal-Att ta' l-Akkuza, stante illi l-fatti esposti ma jikkostitwux ir-reat migjub fl-istes kapi in kwantu dawn jikkoncernaw l-Artikolu 141 tal-Kap.9.**
**2. Illi l-atti tal-kumpilazzjoni huma nulli w inammissibblui stante illi ma gewx osservati d-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 395 u 396 tal-Kap.9 u konsegwentement huwa null l-istess Att ta' l-akkuza.**
**3. Illi minghajr pregudizzju ghal dak  fuq premess, it-traskrizzjonijiet esebiti mix-xhud Herbert Agius fis-seduta tal-20 ta' Marzu, 2002, huma inammissibbli in kwantu jammontaw ghall-stqarrijiet maghmula mil-ko-akkuzati l-ohra w inoltre l-istess dokumenti jikkostitwixxu "*Documentary hearsay".***

**Rat li l-akkuzati l-ohra** Jason Briffa u Joseph Grech **ma pprezentawx nota ta' eccezzjonijiet preliminari;**

**Rat il-verbal tat-3 t' April, 2006 li bih, b' riferenza ghat-tielet eccezzjoni tal-akkuzat** Saviour Azzopardi**, Dr. Mark Said ghall-Prosekuzzjoni w Dr. Joseph Giglio ghall-istess akkuzat qablu li din id-diffikulta' tkun tista' tigi rizolta biss proceduralment billi l-Imhallef togat, meta jkunu qed jinstemghu it-tapes u jinqraw it-traskrizzjonijiet taghhom, jaghmilha cara lill-gurati, jekk hemm bzonn ripetutament, li dak li jkun qed jghid akkuzat li jigi identifikat, japplika biss favur jew kontra tieghu w hadd aktar.**

**Rat il-verbal tat-3 t' April, 2006, li bih** Dr. Joseph Giglio **ghall-akkuzat** Saviour Azzopardi, **rtira l-ewwel u t-tielet eccezzjoni tieghu w n-nota ta' cessjoni relattiva tal-istess data , kif ukoll li bih iddikjara li , in vista tal-gurisprudenza kontenuta fil-kaz ta' Simon Xuereb, hu kien qed jillimita l-effetti tat-tieni eccezzjoni tieghu ghan-nuqqas ta' firma fuq l-ezami ghalkemm hemm atti ohra li m'humiex iffirmati mill-Magistrat ukoll.**

**Rat il-verbal tal-istess data li bih Dr. Said ghall-Prosekuzzjoni u Dr. Anglu Farrugia ghall-akkuzat Publius Micallef qablu li ghar-rigward tal-ewwel eccezzjoni ta' dan l-akkuzat, kull riferenza fl-istqarrija ta' xi ko-akkuzat ghall-akkuzat Micallef jew ghall-"*Powey"* jew inkella *"Powie*" jew *"Poweye"* jew *"dak li jilghab mall-Furjana "* tigi kancellata fil-versjoni li tinghata lill-gurati w sostitwita bil-kliem *"persuna ohra"* u li ghar-rigward tat-*tapes* u t-traskrizzjoni taghhom japplika l-ftehim li ntlahaq fil-konfront tal-akkuzat Azzopardi.**

**Rat li in vista ta' dan il-verbal, Dr. Anglu Farrugia iddikjara li qed jirtira l-ewwel eccezzjoni tal-akkuzat Micallef.**

**Rat in-nota ta' cessjoni tal-istess akkuzat Micallef li biha rtira l-ewwel, it-tielet u r-raba' eccezzjoni tieghu;**

**Rat id-Digrieti Taghha tal-istess data, fejn, fin-nuqqas ta' oppozizzjoni da parti tal-Prosekuzzjoni, l-kliem *"fit-tieni"* fit-tieni paragrafu tan-nota tal-eccezzjonijiet ta'**

**Raymond Bonello u ta' Sandro Psaila gew sostitwiti bil-kliem *"l-ewwel".***

**Rat il-verbali tal-istess data li bihom Dr. Giannella Caruana Curran ghall-akkuzat Bonello u Dr. Roberto Montalto ghall-akkuzat Psaila iddikjaraw li qed jirtiraw it-tielet u r-raba eccezzjonijiet taghhom w rat ukoll in-noti ta' cessjoni relattivi.**

**Jibqa' ghalhekk biex jigu decizi l-ewwel eccezzjoni tal-akkuzati Sandro Psaila w Raymond Bonello w t-tieni eccezzjoni tal-akkuzat Saviour Azzopardi, kif issa limitata fl-applikazzjoni taghha, liema tlitt eccezzjonijiet huma simili; t-tieni eccezzjoni tal-akkuzati Psaila u Bonello li huma identici; w it-tieni eccezzjoni tal-akkuzat Micallef.**

**Semghet it-trattazzjoni;**

**Rat in-Nota ta-riferenzi tal-akkuzati Sandro Psaila u Saviour Azzopardi tat-28 t' April, 2006;**

**Ikkonsidrat;**

**Illi hu ovvju li l-ewwel eccezzjoni li trid tigi trattata hija dik tan-nullita' tal-att ta'l-akkuza stante d-difett fl-atti tal-istruttorja u senjatament in-nuqqas ta' firma tal-magistrat fuq l-ezami tal-akkuzati, billi decizjoni favorevoli dwar din l-eccezzjoni moghtija mill-akkuzati Sandro Psaila, Raymond Bonello u Saviour Azzopardi, tkun wahda dirimenti li tinficja l-process kollu anki fejn jirrigwarda l-akkuzati l-ohra li jew ma ssollevawx din l-eccezzjoni jew addirittura ma tawx avviz ta' eccezzjonijiet preliminari.**

**Illi l-artikolu 395 tal-Kodici Kriminali jiddisponi li l-ezami tax-xhieda u tal-imputat ghandu jigi ffirmat mill-magistrat.**

**Bhala fatti, kif jidher mil-folios 33 sa 38 Vol. I , tal-Istruttorja, l-formoli sterjotipati li jirrigwardaw l-ezami tas-sitt akkuzati li ntlew bil-linka w jgibu id-data**

**ittimbrata tal-21 ta' Lulju, 2001 u timbru iehor bl-isem tal-Magistrat Dr. Joseph Cassar B.A., LL.D., huma iffirmati *in calce*** biss **minn persuna li iffirmat isimha fuq l-istampat tal-formula "**Skrivan" **. Invece fuq l-istampat tal-kelma** "Magistrat" **ma hemmx il-firma tal-Magistrat kif del resto imkien iehor fuq dawn is-sitt folji ma hemm il-firma tal-imsemmi Magistrat.**

**Issa huwa pacifiku fil-gurisprudenza in materia li l-ezami tal-imputat ghandu jigi firmat mill-Magistrat Istruttur u li minghajr dik il-firma, l-ezami tal-imputat huwa null, u ghalhekk hija nulla l-istruttorja w huwa ukoll null l-att ta' l-Akkuza bazat fuq dik l-istruttorja. (ara "**Il-Maesta' Taghha r-Regina vs. Antonio Sammut" **Qorti Kriminali – Kolleggjali [12.1.1953] ;** "Il-Maesta' Taghha r-Regina vs. George Pulo" **; Qorti Kriminali , [ 2.2.1953] konfermata mill-Qorti Kriminali – Kolleggjali b' sentenza tat-12 ta' Jannar, 1953, u "**Il-Maesta' Taghha r-Regina vs. Carmelo Refalo" **(Qorti ta' l-Appell Kriminali – [ 12.2.1975] fejn gew citati z-zewg sentenzi precedenti w intqal li fihom – fejn kien hemm in-nuqqas effettiv u totali tal-firma tal-magistrat – referibbilment ghall-ezami tal-imputat, dan huwa ekwiparabbli ghan-nuqqas tal-ezami stess. Fejn kien hemm in-nuqqas tal-ezami tal-imputat fl-istruttorja, l-att ta' l-akkuza bazat fuq l-istess istruttorja dejjem gie annullat (ara. "**Sua Maesta' la Regina vs. Giuseppe Formosa" **(Qorti Kriminali – Kolleggjali [23.2.1900] u "**Sua Maesta' la Regina vs. F.S. Decesare" **[30.3.1898] u ohrajn.)**

**Illi umbaghad skond l-artikolu 597 (4) (gja 591(4) ) tal-istess Kodici Kriminali, hemm lok ghall-impunjazzjoni tal-Att ta' l-Akkuza minnhabba difett fl-attijiet tal-kumpilazzjoni, meta *inter alia* dan id-difett ikun jikkonsisti fin-nuqqas ghal kollox ta' l-ezami tal-imputat. U kif gie ritenut mill-Qorti Kriminali – Kolleggjali fis-sentenza ta'** Pulo **appena citata : "*ezami "mhux firmat" ghandu jigi logikament ekwiparat ghall-ezami "nieqes ghal kollox" , ghaliex altrimenti ma kienx ikun hemm sens li tigi mposta l-formalita' tal-firma."***

**Ghalhekk din il-Qorti, rinfaccata bin-nuqqas ta' firma tal-Magistrat Istuttur fuq kull wahda mill-folji li jirrigwardaw l-ezami tas-sitt akkuzati, ma tistax hlief tiddikjara l-att tal-kumpilazzjoni nulli, ghaliex hu null l-ezami tal-akkuzati u kwindi tiddikjara ukoll null l-Att ta' l-Akkuza odjern bhala null u bla effett fil-konfront tas-sitt akkuzati, stante li kif gie ritenut minn din il-Qorti fis-sentenza "**Regina vs. G. Pulo" **fuq citata , din l-eccezzjoni hi ukoll sollevabbli mill-Qorti *"ex ufficio*".**

**In vista ta' din id-decizjoni, mhux il-kaz li din il-Qorti toqghod tinvesti l-eccezzjonijiet l-ohra li taw id-diversi akkuzati u li ma gewx ceduti w rtirati kif fuq intqal.**

**Ghaldaqstant, fil-waqt li qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-eccezzjonijiet kollha tal-akkuzati li gew minnhom ceduti w irtirati kif fuq intqal kif ukoll minn dawk li ma gewx ceduti, ghajr l-ewwel parti tal-ewwel eccezzjoni w t-tieni eccezzjoni tal-akkuzati Sandro Psaila w Raymond Bonello w t-tieni eccezzjoni tal-akkuzat Saviour Azzopardi, kif sussegwentement limitata ghan-nullita' ta' l-att ta' l-akkuza minnhabba d-difett fl-ezami tal-akkuzat konsistenti fin-nuqqas ta' firma tal-Magistrat fuq l-istess ezami , din il-Qorti qed tilqa' l-istess hames eccezzjonijiet u anki *"ex officio"* ghal dak li jirrigwarda l-akkuzati l-ohra li ma ssollevawx eccezzjoni simili, qed tiddikjara l-atti tal-istruttorja kontra s-sitt akkuzati nulli w bla effett u konsegwentement qed tiddikjara l-att ta' l-akkuza numru 16 tas-sena 2005 kontra s-sitt akkuzati null u, wara li rat l-artikolu 449 (6) tal-Kap.9 , tordna li s-sitt akkuzati jergghu jigu imqieghda fl-istess stat li kienu qabel ma gie prezentat l-att ta' l-akkuza.**

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------